SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla)

13 ta' Settembru 2010 *

Fil-Kawża T-314/06,

Whirlpool Europe Srl, stabbilita f'Comerio (l-Italja), irrappreżentata minn M. Bronckers u F. Louis, avukati,

rikorrenti,

sostnuta minn

Ir-Repubblika Taljana, irrappreżentata minn G. Albenzio, avvocato dello Stato,

u minn

Il-Kunsill Ewropew għall-kostruzzjoni ta' apparat Domestiku (CECED), stabbilit fi Brussell (il-Belġju), irrappreżentat minn Y. Desmedt u A. Verheyden, avukati,

intervenjent,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn J.-P. Hix, bħala aġent, assistit minn G. Berrisch, avukat,

konvenut,

sostnut minn

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn H. van Vliet u T. Scharf, bħala aġenti,

u minn

LG Electronics, Inc., stabbilita f'Seul (il-Korea t'Isfel), inizjalment irrappreżentata minn L. Ruessmann u P. Hecker, sussegwentement minn L. Ruessmann u A. Willems, avukati,

intervenjenti,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament parzjali tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1289/2006, tal-25 ta' Awwissu 2006, li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping u jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' ċerti refriġeraturi side-by-side li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea (ĠUL 236, p. 11),

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla),

komposta minn A. W. H. Meij (Relatur), President, V. Vadapalas u L. Truchot, Imħallfin,

Reġistratur: C. Kantza, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta' Novembru 2009,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-kuntest ġuridiku

1 Ir-Regolament bażiku antidumping huwa kkostitwit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, tat-22 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 11, Vol. 10, p. 45) kif emendat (iktar 'il quddiem ir-"Regolament bażiku") [issostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, p. 51, rettifika ĠU 2010, L 7, p. 22)].

2 L-Artikolu 1(1) u (4) tar-Regolament bażiku (li sar l-Artikolu 1(1) u (4) tar-Regolament Nru 1225/2009) jipprovdi:

"1. Dazju kontra xiri taħt il-prezz jista' jiġi applikat għal kwalunkwe prodott mixtri taħt il-prezz li l-liberazzjoni tiegħu għal ċirkulazzjoni ħielsa fil-Komunità tikkawża ħsara.

[…]

4. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu 'prodott simili' għandu jiġi interpretat biex ifisser prodott li jkun identiku, jiġifieri, l-istess f'kull lat, bħall-prodott taħt kunsiderazzjoni, jew fin-nuqqas ta' prodott bħal dan, prodott ieħor li għalkemm ma jkunx l-istess f'kull lat, ikollu karatteristiċi li jixbħu mill-qrib dawk tal-prodott ikkunsidrat."

3 L-Artikolu 15 tar-Regolament bażiku (li sar l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 1225/2009) jipprovdi:

"1. Kwalunkwe konsultazzjonijiet li jagħmel tajjeb għalihom dan ir-Regolament għandhom iseħħu fi ħdan Kumitat konsultattiv li għandu jkun magħmul minn rappreżentanti ta' kull stat Membru, b'rappreżentant tal-Kummissjoni bħala president. Il-konsultazzjonijiet għandhom isiru immedjatament fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni u fi kwalunkwe każ fi żmien perjodu ta' żmien li jippermetti li l-limiti ta' żmien stabbiliti minn dan id-Regolament jiġu segwiti.

2. Il-Kumitat jiltaqa' meta jiġi msejjaħ mill-president tiegħu. Għandu jibgħat lill-Istati Membri, kemm jista' jkun malajr, iżda mhux aktar tard minn 10 ijiem utli qabel il-laqgħa, l-informazzjoni rilevanti kollha.

3. Fejn ikun hemm bżonn, konsultazzjoni tista' tkun bil-miktub biss; f'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tavża lill-Istati Membri u għandha tispeċifika perjodu li fi żmienu għandhom ikunu intitolati li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom jew li jitolbu konsultazzjoni orali li l-president għandu jirranġa, sakemm konsultazzjoni orali bħal din tista titwettaq fi żmien perjodu ta' żmien li jippermetti li l-limiti ta' żmien stabbiliti minn dan ir-Regolament jiġu segwiti.

4. Il-Konsultazzjoni għandha tkopri, b'mod partikolari:

[…]

d) il-miżuri li, fiċ-ċirkustanzi, huma xierqa biex jipprevjenu jew jirrimedjaw il-ħsara kkawżata mill-bejgħ taħt il-prezz u l-mezzi u l-metodi ta' tqegħid fis-seħħ ta' dawn il-miżuri."

4 It-terminu ta' għaxart ijiem ta' xogħol li l-Artikolu 15(2) tar-Regolament bażiku (li sar l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 1225/2009) jimponi fuq il-president tal-Kumitat konsultattiv sabiex jikkomunika l-elementi ta' informazzjoni utli kollha, ġie introdott fir-Regolament bażiku mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 461/2004, tat-8 ta' Marzu 2004 (ĠU L 77, p. 12), li l-premessa 17 tiegħu tipprovdi:

"L-informazzjoni li tingħata lill-Istati Membri fil-Kumitat konsultattiv hi ħafna drabi ta' natura teknika ferm u tinvolvi analisi ekonomika u legali elaborata. Biex tagħti biżżejjed żmien lill-Istati Membri biex ikunu jistgħu jikkunsidraw din l-informazzjoni, għandha tintbagħat għall-inqas 10 ijiem qabel id-data tal-laqgħa ffissata mill-President tal-Kumitat konsultattiv."

5 L-Artikolu 20 tar-Regolament bażiku (li sar l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 1225/2009) jipprovdi:

"1. Min jagħmel l-ilment, l-importaturi u l-esportaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentanti tagħhom, u r-rappreżentanti tal-pajjiż ta' esportazzjoni, jistgħu jitolbu żvelar tad-dettalji taħt il-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet fuq il-bażi li fuqha ġew imposti l-miżuri proviżjonali. Talbiet għal żvelar bħal dan għandhom jiġu magħmula

bil-miktub immedjatament wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżjonali, u l-iżvelar għandu jsir bil-miktub kemm jista' jkun malajr possibbli wara.

2. Il-partijiet msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jitolbu żvelar finali tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali fuq il-bażi li fuqha huwa maħsub li tiġi rrakkomandata l-impożizzjoni tal-miżuri definittivi, jew it-terminazzjoni ta' investigazzjoni jew proċeduri mingħajr impożizzjoni tal-miżuri, b'attenzjoni partikolari mogħtija lill-iżvelar ta' kwalunkwe fatti jew kunsiderazzjonijiet li huma differenti minn dawk użati għal kwalunkwe miżuri proviżjonali.

[…]

4. Żvelar finali għandu jiġi mogħti bil-miktub. Għandu jsir, filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali, kemm jista' jkun malajr u, normalment, mhux iktar tard minn xahar qabel deċiżjoni definittiva jew mis-sottomissjoni mill-Kummissjoni ta' kwalunkwe proposta għal azzjoni finali skond l-Artikolu 9. Fejn il-Kummissjoni ma tkunx fil-pożizzjoni li tiżvela xi fatti jew kunsiderazzjonijiet f'dak il-ħin, dawn għandhom jiġu żvelati kemm jista jkun malajr wara. L-iżvelar ma għandux jippreġudika kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti li tista' tittieħed mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill imma, fejn deċiżjoni bħal din tkun ibbażata fuq kwalunkwe fatti u kunsiderazzjonijiet differenti, dawn għandhom jiġu mikxufa kemm jista jkun malajr.

5. Rappreżentazzjonijiet magħmula wara li jingħata t-tagħrif finali għandhom jiġu kkunsidrati biss jekk riċevuti fi żmien perjodu li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni f'kull każ, li għandu jkun mill-inqas 10 t'ijiem, waqt li tingħata l-attenzjoni dovuta lill-urġenza tal-kwistjoni."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1. *Is-suq li huwa s-suġġett tal-investigazzjoni*

6 Is-suq tal-fridge-freezers magħquda, li huma s-suġġett tal-investigazzjoni li abbażi tiegħu ġew adottati l-miżuri antidumping ikkontestati, fih tliet oqsma:

— il-qasam tat-tagħqid "bottom-mount", fejn il-kompartiment ta' ffriżar jitqiegħed fuq il-kompartiment ta' refriġerazzjoni;

— il-qasam tat-tagħqid "top-mount", fejn il-kompartiment ta' ffriżar jitqiegħed taħt il-kompartiment ta' refriġerazzjoni;

— il-qasam tat-tagħqid "side-by-side", li fih żewġ bibien b'molla li jinfetħu li għandhom kompartiment ta' freezer u ta' friġġ ħdejn xulxin.

7 Dan l-aħħar deher fuq is-suq tip ġdid ta' fridge-freezer magħqud, bi tliet bibien, fejn il-kompartiment ta' ffriżar qiegħed taħt il-kompartiment ta' refriġerazzjoni f'unità waħda. Il-kompartiment ta' ffriżar fih bieba, filwaqt li ż-żewġ bibien b'molla ħdejn xulxin jinfetħu fuq il-kompartiment ta' refriġerazzjoni.

2. *Il-fażi inizjali tal-proċedura ta' investigazzjoni*

8 Fit-18 ta' April 2005, ir-rikorrenti, Whirlpool Europe Srl, ippreżentat lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, fuq il-bażi tar-Regolament bażiku, ilment kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti friġġijiet li joriġinaw mill-Korea t'Isfel.

9 Fit-2 ta' Ġunju 2005, il-Kummissjoni ppubblikat avviż ta' ftuħ ta' proċedura antidumping dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti friġġijiet "side-by-side" li joriġinaw mill-Korea t'Isfel (ĠU C 135, p. 4). Il-prodotti meqjusa li kienu jagħmlu s-suġġett ta' dumping kienu l-fridge-freezers magħquda li jistgħu jżommu iktar minn 400 litri, li fihom mill-inqas żewġ bibien esterni u ħdejn xulxin.

10 Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet kollha li kien magħruf li kienu kkonċernati bl-investigazzjoni.

11 Kumpannija Koreana, LG Electronics, Inc. (iktar 'il quddiem "LG"), sostniet li l-friġġijiet kbar kollha kellhom jiġu inklużi fid-definizzjoni tal-prodotti li kienu s-suġġett tal-investigazzjoni, sa fejn dawn għandhom l-istess għan, jiġifieri, il-konservazzjoni tal-prodotti tal-ikel u tax-xorb, u fejn il-parti l-kbira minnhom għandhom kompartiment ta' refriġerazzjoni u kompartiment ta' ffriżar.

12 Barra minn hekk, LG sostniet li d-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat li hemm fl-avviż tal-ftuħ kienet żbaljata. Hija indikat li l-industrijalisti jifhmu, bi friġġ "side-by-side", il-friġġijiet li għandhom kompartiment ta' refriġerazzjoni u kompartiment ta' ffriżar ħdejn xulxin u li għandhom bibien esterni separati għal kull kompartiment. Fl-opinjoni tagħha, kieku d-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat fl-avviż tal-ftuħ kellha tinżamm, ċerti friġġijiet fuq xulxin, jiġifieri l-fridge-freezers magħquda li għandhom żewġ bibien fuq il-kompartiment ta' refriġerazzjoni ta' fuq u bieba fuq

il-kompartiment ta' ffriżar ta' taħt, kienu jkunu koperti mill-investigazzjoni, filwaqt li l-mudelli simili li għandhom bieba waħda fuq kull kompartiment kienu jiġu esklużi. Għaldaqstant, LG talbet li l-fridge-freezers magħquda kollha li għandhom tliet bibien jew iktar jiġu esklużi mill-investigazzjoni jew li din tal-aħħar tinkludi l-fridge-freezers magħquda kollha.

13 B'mod definittiv, LG sostniet li ma humiex il-karatteristiċi esterni tal-mudelli, b'mod partikolari l-bibien, li huma importanti, iżda l-konfigurazzjoni interna tagħhom. B'mod partikolari, LG sostniet li l-allinjament tal-kompartimenti ta' refriġerazzjoni u ta' ffriżar kien il-karatteristika distintiva prinċipali bażika ta' friġġ "side-by-side".

14 Fl-14 ta' Novembru 2005, ir-rikorrenti pprovdiet lill-Kummissjoni b'xi analiżi li dehru f'xi rivisti għall-konsumaturi li rrakkomandaw l-inklużjoni tal-friġġijiet bi tliet bibien fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat.

15 Fis-17 ta' Novembru 2005, waqt laqgħa mal-Kummissjoni, ir-rikorrenti saret taf bl-argumenti ta' LG dwar id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Hija rrispondiet bil-miktub fit-13 ta' Diċembru 2005. B'ittri tas-17 u tal-25 ta' Jannar 2006, LG ippreżentat xi osservazzjonijiet li r-rikorrenti rrispondiet għalihom fil-31 ta' Jannar 2006. Fit-2 ta' Frar 2006, ir-rikorrenti nstemgħet mill-ġdid mill-Kummissjoni. Fis-6, fis-7 u fil-15 ta' Frar 2006, LG ippreżentat lill-Kummissjoni xi osservazzjonijiet ġodda dwar id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat.

3. *Ir-Regolament provviżorju*

16 Fit-28 ta' Frar 2006, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Nru 355/2006 li jimponi dazju definittiv anti-dumping u kollettivament jiġbor dazju proviżjorju impost fuq l-importazzjoni ta' ċertu friġġijiet b'żewġ bibien li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea (ĠU L 59, p. 12, iktar 'il quddiem ir-"Regolament provviżorju").

17 Fir-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni ċaħdet it-teżi ta' LG, ibbażata fuq l-għan komuni tal-friġġijiet il-kbar, minħabba l-fatt li s-suq tal-friġġijiet "side-by-side" jikkostitwixxi "b'mod ċar parti mis-suq indipendenti u distint". Il-karatteristiċi fiżiċi partikolari ta' friġġ "side-by-side", b'mod partikolari ż-żewġ bibien kbar ħdejn xulxin, jagħtuh "post speċifiku" ħafna fis-suq tal-fridge-freezers magħquda.

18 Il-Kummissjoni ċaħdet ukoll it-teżi ta' LG intiża għall-esklużjoni mill-proċedura ta' kull friġġ-freezer magħquda mgħammra bi tliet bibien jew iktar, minħabba l-fatt li l-investigazzjoni kienet tippermetti biss li jiġi stabbilit in-nuqqas ta' "definizzjoni użata b'mod komuni" tal-friġġijiet "side-by-side". Il-fridge-freezers magħquda bi tliet bibien imsemmija minn LG jinsabu bil-kontra fis-suq tal-mudelli kollha l-oħra ta' friġġijiet "side-by-side".

19 Il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li, minkejja d-differenzi fil-volum, tal-funzjonijiet li jistgħu jintgħażlu u l-materjali użati, it-tipi kollha ta' friġġijiet "side-by-side", inkluż it-tagħqid bi tliet bibien li għandu kompartiment ta' ffriżar taħt, jippreżentaw l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u huma prinċipalment intiżi għall-istess użu.

20 Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-friġġijiet "side-by-side" prodotti u mibjugħa fl-Unjoni Ewropea mill-industrija Komunitarja, minn naħa, u dawk prodotti u mibjugħa fil-Korea t'Isfel, min-naħa l-oħra, jippreżentaw karatteristiċi fiżiċi u tekniċi essenzjali kif ukoll użu bażiku identiċi u għaldaqstant ikkunsidrathom provviżorjament simili fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

21 Konsegwentement, ir-Regolament provviżorju jipprovdi fl-Artikolu 1 tiegħu:

"Dazju definittiv anti-dumping huwa hawnhekk impost fuq friġġijiet ħdejn xulxin, i.e. refriġeraturi-freezers magħquda ta' kapaċità li ma taqbiżx l-400 litru, bil-kumpartimenti tal-freezer u r-rifriġeratur imqiegħda ħdejn xulxin, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8418 10 20 (kodiċi TARIC 8418 10 20 91) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea."

4. *Il-fażi sussegwenti tal-proċedura ta' investigazzjoni*

22 Wara li rċevew mill-Kummissjoni l-kommunikazzjoni tal-konklużjonijiet provviżorji tagħha, ir-rikorrenti u LG ippreżentaw xi osservazzjonijiet ġodda fuq id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. LG indirizzat lill-Kummissjoni wkoll rapport ta' espert fuq abbozz ta' klassifikazzjoni tal-friġġijiet. Fi skambju ta' ittri, ir-rikorrenti u LG żviluppaw il-pożiżżjonijiet tagħhom fuq id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat.

5. *Id-dokument finali ta' informazzjoni*

23 Fit-30 ta' Ġunju 2006, il-Kummissjoni ħarġet id-dokument finali ta' informazzjoni. Hija fakkret li hija prassi stabbilita għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni, meta jiddefinixxu l-prodott ikkonċernat, li jikkunsidraw, l-ewwel nett, il-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi tal-prodott u li l-mudelli kklassifikati f'oqsma ta' prodotti differenti huma ta' spiss ikkunsidrati bħala li jifformaw prodott wieħed, sakemm ma jeżistux "linji ta' diviżjoni ċari" bejn l-oqsma differenti.

24 Il-Kummissjoni qieset li l-investigazzjoni stabbilixxiet li d-diviżjoni tradizzjonali fi tliet oqsma tas-suq tal-fridge-freezers magħquda ma kinitx ikkontestata u magħrufa mill-operaturi tas-settur kollha, fis-sens li ma kienx iġġustifikat li jiġu inklużi fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat il-fridge-freezers magħquda kollha, kif talbet LG.

25 Il-Kummissjoni rrilevat wara li la l-karatteristiċi fiżiċi (żewġ bibien ħdejn xulxin u l-wisa' tal-apparat) u lanqas il-kunsiderazzjonijiet dwar il-kummerċjalizzazzjoni u l-perċezzjoni tal-konsumatur ma jiġġustifikaw l-esklużjoni ta' mudell bi tliet bibien mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ddeduċiet li kien hemm lok li jiġi inkluż f'din id-definizzjoni l-"mudell side-by-side bi tliet bibien".

6. *Id-dokument finali ta' informazzjoni rrivedut*

26 Il-partijiet interessati ngħataw terminu, li skada fl-11 ta' Lulju 2006, sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom fuq id-dokumenti ta' informazzjoni finali.

27 Fil-5 u 6 ta' Lulju 2006, il-President tal-Kumitat konsultattiv ikkomunika lill-Istati Membri d-dokumenti li jirrigwardaw il-miżuri definittivi li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni tipproponi.

28 Fil-11 ta' Lulju 2006, ir-rikorrenti u LG ippreżentaw il-kummenti tagħhom fuq id-dokument finali ta' informazzjoni. Ir-rikorrenti kkonfermat il-qbil tagħha mad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat adottata mill-Kummissjoni filwaqt li LG ikkontestat mill-ġdid ir-raġunament u l-konklużjonijiet adottati f'dan ir-rigward mill-Kummissjoni.

29 B'ittra tal-14 ta' Lulju 2006, il-Kummissjoni informat lill-Istati Membri li hija kienet emendat il-pożizzjoni tagħha fir-rgward tad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, li fiha hija issa eskludiet il-friġġijiet bi tliet bibien.

30 B'ittra tas-17 ta' Lulju 2006, indirrizzata lill-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-kummerċ, ir-rikorrenti kkontestat din il-bidla ta' pożizzjoni, li hija ħadet konoxxenza tagħha b'mod informali.

31 B'ittra tad-19 ta' Lulju 2006, il-Kummissjoni bagħtet id-dokument finali ta' informazzjoni rrivedut lir-rikorrenti sabiex tinformaha b'din l-emenda. F'dan id-dokument il-Kummissjoni rrilevat:

"Xi provi addizzjonali insostenn ta' definizzjoni tal-qasam tal-friġġijiet 'side-by-side' dwar il-bażi tal-konfigurazzjoni interna tal-kompartimenti u mhux dwar il-pożizzjoni tal-bibien ġew prodotti mill-esportatur iċċitat iktar 'il fuq. Wara investigazzjoni definittiva, fid-dawl tal-elementi addizzjonali prodotti minn dan l-istess esportatur, il-pożizzjonijiet espressi minn ċerti istituzzjonijiet prinċipali ta' riċerka u ċerti korpi ta' klassifikazzjoni, li, fil-biċċa l-kbira minnhom, jikklassifikaw il-friġġijiet 'side-by-side' fuq il-bażi tal-konfigurazzjoni interna tagħhom u mhux fuq il-pożizzjoni tal-bibien, ġew evalwati iktar fid-dettall. Bħala konklużjoni, mill-perspettiva tal-karatteristiċi fiżiċi, il-mudell bi tliet bibien ma jistax jitqies li jagħmel parti mill-qasam 'side-by-side' […]. Fir-rigward tal-perċezzjoni tal-konsumatur, kemm il-lanjanti u kemm l-industrija Komunitarja ppreżentaw xi investigazzjoni ta' opinjoni insostenn tal-opinjonijiet rispettivi tagħhom li jikkontradixxu lil xulxin. F'dan ir-rigward, għalhekk, wieħed ma jista' jasal għal ebda konklużjoni f'sens u lanqas fl-ieħor.

Minn dak li ntqal qabel jirriżulta li l-mudell bi tliet bibien għandu jitqies li jagħmel parti mill-qasam tal-fridge-freezers magħquda 'bottom-mount' u mhux minn dawk tal-fridge-freezers magħquda 'side-by-side'. […]

Konsegwentement, intqies xieraq li tiġi rriveduta d-definizzjoni kif determinata fir-Regolament provviżorju. Għalhekk, il-prodott ikkonċernat huwa definittivament definit bħala fridge-freezer magħquda bil-kapaċità li taqbeż l-400 litru u b'kompartamenti ta' ffriżar u ta' refriġerazzjoni ħdejn xulxin, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea, bħalissa klassifikabbli taħt il-kodiċi NC ex 8418 10 20."

32 Ġie impost terminu fuq ir-rikorrenti u fuq il-partijiet interessati l-oħra sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, liema terminu skada fil-31 ta' Lulju 2006, fl-10,00.

33 Fid-19 u fl-20 ta' Lulju 2006, il-Kumitat konsultattiv iltaqa' u eżamina l-miżuri definittivi li l-Kummissjoni kellha intenzjoni tipproponi lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, inkluża d-definizzjoni l-ġdida tal-prodott ikkonċernat li minnha l-fridge-freezers magħquda bi tliet bibien ġew esklużi.

34 B'ittri tat-28 ta' Lulju 2006, ir-rikorrenti u l-Kunsill Ewropew għall-kostruzzjoni ta' apparat Domestiku (CECED) ikkritikaw l-emenda u d-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat li kien hemm fid-dokument finali ta' informazzjoni rrivedut.

35 Fil-31 ta' Lulju 2006, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta ta' regolament COM (2006) 436 finali li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti friġġijiet "side-by-side" li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea.

36 B'ittra tad-9 ta' Awwissu 2006, il-Kummissjoni rrispondiet għall-osservazzjonijiet tar-rikorrenti tat-28 ta' Lulju 2006.

7. *Ir-regolament ikkontestat*

37 Fil-25 ta' Awwissu 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1289/2006, tal-25 ta' Awwissu 2006, li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping u jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' ċerti refriġeraturi side-by-side li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea (ĠU L 236, p. 11, iktar 'il quddiem ir-"regolament ikkontestat").

38 Fl-Artikolu 1 tiegħu, ir-regolament ikkontestat jipprovdi:

"Dazju definittiv antI-dumping definittiv huwa impost fuq friġġijiet 'side-by-side', jiġifieri fridge-freezers magħquda ta' kapaċità li ma taqbiżx l-400 litru, bil-kompartimenti ta' ffriżar u ta' refriġerazzjoni imqiegħda ħdejn xulxin, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8418 10 20 (kodiċi TARIC 8418 10 20 91) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea. [traduzzjoni mhux uffiċjali]"

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

39 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza (li mill-1 ta' Diċembru 2009 saret il-Qorti Ġenerali) fis-17 ta' Novembru 2006, ir-rikorrenti ressqet dan ir-rikors.

40 L-avviż dwar il-preżentata tar-rikors ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tat-30 ta' Diċembru 2006 (ĠU C 326, p. 67).

41 Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-11 ta' Jannar u fl-14 ta' Frar 2007, il-Kummissjoni u LG, rispettivament, talbu li jintervjenu f'dawn il-proċeduri insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

42 Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-9 ta' Frar 2007, is-CECED u Electrolux talbu li jintervjenu f'dawn il-proċeduri insostenn tat-talbiet tar-rikorrenti.

43 B'Digriet tas-26 ta' Frar 2007, il-President tat-Tielet Awla tal-Qorti Ġenerali awtorizza l-intervent tal-Kummissjoni.

44 B'Digriet tal-10 ta' Mejju 2007, il-President tat-Tielet Awla tal-Qorti Ġenerali awtorizza l-intervent ta' CECED u ta' LG.

45 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-22 ta' Ġunju 2007, ir-Repubblika Taljana talbet li tintervjeni f'dawn il-proċeduri insostenn tat-talbiet tar-rikorrenti.

46 B'Digriet tal-4 ta' Settembru 2007, il-President tat-Tielet Awla tal-Qorti Ġenerali awtorizza l-intervent tar-Repubblika Taljana.

47 Peress li l-kompożizzjoni tal-awli tal-Qorti tal-Ġenerali nbidlet, l-Imħallef Relatur ġie assenjat lis-Sitt Awla, u konsegwentement, dawn il-kawżi ġew assenjati lil din l-awla.

48 B'Digriet tal-10 ta' Jannar 2008, il-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) ċaħdet it-talba għal intervent ta' Electrolux.

49 B'digriet tat-8 ta' Ottubru 2009, il-President tas-Sitt Awla laqa' t-talba tar-rikorrenti għat-trattament kunfidenzjali ta' xi wħud mid-dokumenti tagħha fir-rigward tas-CECED u ta' LG, bl-eċċezzjoni ta' wieħed mid-dokumenti kkonċernati, li għalih it-trattament kunfidenzjali fir-rigward ta' LG ġie miċħud. Il-verżjoni sħiħa ta' dan tal-aħħar ġiet għaldaqstant innotifikata lil LG.

50 Fuq rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali u, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, stiednet lill-partijiet iwieġbu bil-miktub għal ċerti mistoqsijiet. Il-partijiet għamlu hekk fit-terminu mogħti.

51 It-trattazzjoni tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2009.

52 Ir-rikorrenti, sostnuta mir-Repubblika Taljana u mis-CECED, titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla r-regolament ikkontestat, sa fejn id-definizzjoni tal-prodotti kkonċernat u tal-prodott simili adottata mill-Kunsill ma tinkludix il-fridge-freezers magħquda kbar kollha li għandhom mill-inqas żewġ bibien ħdejn xulxin;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

53 Il-Kunsill, sostnut mill-Kummissjoni u minn LG jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli jew infondat;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

54 Minħabba l-impediment tal-Imħallef Tchipev wara t-tmiem tal-proċedura orali, il-kawża ġiet assenjata lill-President tal-Awla Meij bħala Mħallef Relatur u l-Imħallef Vadapalas ġie nnominat, b'applikazzjoni tal-Artikolu 32(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, sabiex jikkompleta l-Awla.

55 B'digriet tal-5 ta' Lulju 2010, il-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla), fil-kompożizzjoni l-ġdida tagħha, fetħet mill-ġdid il-proċedura orali u l-partijiet ġew informati li kienu ser jinstemgħu waqt is-seduta l-ġdida tat-8 ta' Settembru 2010.

56 B'ittri, rispettivament tad-9, tat-12, tal-14, tal-15 u tas-16 ta' Lulju 2010, ir-rikorrenti, il-Kunsill, il-Kummissjoni, is-CECED, LG u r-Repubblika Taljana informaw lill-Qorti Ġenerali li riedu jirrinunzjaw milli jinstemgħu mill-ġdid.

57 Konsegwentement, il-President tas-Sitt Awla ddeċieda li jagħlaq il-fażi orali.

Id-dritt

1. *Fuq il-ksur allegat tal-Artikolu 116(6) tar-Regoli tal-Proċedura*

58 Waqt is-seduta, il-Kunsill osserva li r-Repubblika Taljana ma setgħatx tiżviluppa, fit-talba għall-intervent tagħha, xi osservazzjonijiet fuq il-mertu tal-kawża, li setgħu jiġu żviluppati biss waqt il-proċedura orali.

59 Il-Qorti Ġenerali rrilevat li, skont l-Artikolu 116(6) tar-Regoli tal-Proċedura, intervenjent li, bħar-Repubblika Taljana, jippreżenta t-talba għal intervent tiegħu wara l-iskadenza tas-sitt ġimgħat previsti fl-Artikolu 115(1) tal-imsemmija regoli mid-data tal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-avviż dwar il-preżentata tar-rikors, jista' biss jipparteċipa fil-proċedura orali, jirċievi kommunikazzjoni tar-rapport tas-seduta u jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fuqu waqt is-seduta (sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Marzu 2009, Selex Sistemi Integrati vs Il-Kummissjoni, C-113/07 P, Ġabra p. I-2207, punt 36).

60 Madankollu, hemm lok li jiġi kkonstatat li, bħalma sostniet ir-Repubblika Taljana waqt is-seduta, l-osservazzjonijiet li hija ppreżentat fit-talba għall-intervent tagħha kkostitwixxew biss sommarju tal-motivi li hija invokat insostenn ta' din it-talba u li għaldaqstant ma kkonċernawx il-fondatezza tar-rikors.

61 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li ma kienx hemm ksur tar-rekwiżiti tal-Artikolu 116(6) tar-Regoli tal-Proċedura.

2. *Fuq it-talbiet għal annullament*

Fuq l-ammissibbiltà

L-argumenti tal-partijiet

62 Il-Kunsill isostni li dan ir-rikors huwa inammissibbli peress li r-rikorrenti titlob l-annullament parzjali tar-regolament ikkontestat biss sa fejn id-definizzjoni tal-Kunsill tal-prodott ikkonċernat ma tinkludix il-fridge-freezers magħquda kbar kollha, li għandhom mill-inqas żewġ bibien ħdejn xulxin. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jinvoka ġurisprudenza li tipprovdi li l-annullament parzjali ta' att Komunitarju huwa possibbli biss jekk l-elementi li qiegħed jintalab l-annullament tagħhom jistgħu jiġu sseparati mill-bqija tal-att.

63 Il-Kunsill jikkontesta wkoll it-talba ppreżentata mir-rikorrenti fir-replika u intiża għall-ksib tal-annullament tar-regolament ikkontestat jew tal-Artikolu 1 tiegħu flimkien maż-żamma fis-seħħ tal-att ikkontestat sakemm l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkunu ħadu l-miżuri neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' annullament tal-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, din it-talba twassal għall-bidla fil-kors tal-istanza tas-suġġett tal-kawża, fis-sens li l-Qorti Ġenerali tkun qed tiddeċiedi *ultra petita* kieku tannulla r-regolament ikkontestat kollu jew l-Artikolu 1 tiegħu.

64 Fl-aħħar nett, il-Kunsill jirrileva li l-Qorti Ġenerali ma tistax tikkorreġi żball tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni billi tiddikjara invalida "l-esklużjoni fl-aħħar minuta" tal-friġġijiet bi tliet bibien mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri antidumping ikkontestati.

65 Ir-rikorrenti tikkontesta l-argumenti żviluppati mill-Kunsill insostenn tal-inammissibbiltà tar-rikors.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

66 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tqis li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq l-argumenti żviluppati mill-Kunsill insostenn tal-inammissibbiltà ta' dan ir-rikors, peress li t-talbiet għal annullament tar-rikorrenti għandhom, f'kull każ, jiġu miċħuda fil-mertu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Marzu 2004, Franza vs Il-Kummissjoni, C-233/02, Ġabra p. I-2759, punt 26).

Fuq il-mertu

67 Ir-rikorrenti tqajjem erba' motivi insostenn tat-talbiet għal annullament tagħha. L-ewwel nett, il-Kunsill u l-Kummissjoni ma rrispettawx id-drittijiet ta' difiża tar-rikorrenti fir-rigward tal-"esklużjoni fl-aħħar minuta" tal-friġġijiet mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. It-tieni nett, l-istituzzjonijiet ma kkonsultawx, "fi żmien utli" lill-Istati Membri fil-kuntest tal-Kumitat konsultattiv fuq din l-esklużjoni, bi ksur tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament bażiku. It-tielet nett, ir-regolament ikkontestat ma

huwiex suffiċjentement motivat fir-rigward tal-esklużjoni kkontestata. Ir-raba' u l-aħħar nett, l-istituzzjonijiet wettqu żball ta' liġi fl-għażla tal-metodu li ntuża sabiex jiġi ddefinit il-prodott ikkonċernat.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti fir-rigward tal-esklużjoni tal-friġġijiet bi tliet bibien mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat

— L-argumenti tal-partijiet

68 L-ewwel nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni stabbilixxiet id-dokument finali ta' informazzjoni rrivedut fid-19 ta' Lulju 2006 u li hija kienet marbuta, skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament bażiku (li sar l-Artikolu 20(5) tar-Regolament Nru 1225/2009), sabiex tagħti lill-partijiet interessati, terminu ta' mill-inqas għaxart ijiem sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. Issa, il-Kummissjoni kienet bagħtet lill-Kunsill proposta ta' miżuri definittivi fil-31 ta' Lulju 2006, jiġifieri "xi ftit siegħat" wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit għall-imsemmija partijiet sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom (ara l-punt 32 iktar 'il fuq).

69 Ir-rikorrenti tosserva li emenda tad-definizzjoni tal-prodott simili tirrigwarda "element fundamentali" tal-proċedura antidumping u li din ma hijiex normali f'dan l-istadju avvanzat tagħha. B'hekk ir-rikorrenti kkomunikat 30 paġna ta' osservazzjonijiet lill-Kummissjoni, flimkien ma' tlettax-il anness ġdid, li għalihom ma jsir ebda riferiment fir-regolament ikkontestat. Fil-fatt, dan tal-aħħar jirrepeti biss

il-kunsiderazzjonijiet li diġà jidhru fid-dokument finali ta' informazzjoni rrivedut ikkomunikat fid-19 ta' Lulju 2006.

70 Ir-rikorrenti tosserva wkoll li l-fatt li l-Kummissjoni stenniet sad-9 ta' Awwissu 2006 sabiex tirrispondi għall-osservazzjonijiet tagħha u għamlet dan b'mod iddettaljat juri li l-osservazzjonijiet tagħha kienu rilevanti u li kienu jeħtieġu eżami fid-dettall li ma twettaqx qabel ma l-Kummissjoni emendat il-proposta finali tagħha u bagħtitha lill-Kummissjoni fil-31 ta' Lulju 2006. F'din is-sitwazzjoni, il-fatt li l-Kummissjoni ma ħallietx żmien suffiċjenti sabiex teżamina l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti ċaħħad l-effett utli tad-drittijiet ta' difiża ta' din tal-aħħar.

71 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti sssostni li t-terminu stabbilit fl-Artikolu 20(5) tar-Regolament bażiku ma jikkostitwix sempliċi formalità li għandha tiġi osservata iżda huwa intiż li jiżgura d-dritt tal-partijiet interessati li jingħataw smigħ xieraq.

72 It-tieni nett, ir-rikorrenti ssostni fir-replika li, bl-eċċezzjoni ta' żewġ ittri u nota tal-amministrazzjoni Amerikana li l-Kunsill annetta mar-risposta sabiex juri l-"lobbying" li ġiet suġġetta għalih id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat sal-aħħar mument, l-ebda wieħed minn dawk id-dokumenti u konversazzjonijiet telefoniċi li wettqu impatt fuq il-konklużjonijiet finali li waslet għaliha l-Kummissjoni ma ġew annessi mal-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-fajl tagħha u b'hekk innotifikati lill-partijiet interessati. Minħabba dan il-fatt, il-Kunsill kiser id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti. Il-Kunsill kiser ukoll l-ekwità proċedurali u t-trattament ugwali, sa fejn ma żvelax id-dokumenti kollha li rrigwardaw l-attivitajiet ta' "lobbying" diretti lejn il-Kummissjoni.

73 Il-Kunsill jikkontesta l-fondatezza ta' dan il-motiv kif ukoll l-ammissibbiltà tal-argumenti mressqa mir-rikorrenti fil-fażi tar-replika.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

74 Ir-rispett tad-drittijiet ta' difiża huwa prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni li, abbażi tiegħu, l-impriżi involuti fi proċedura ta' investigazzjoni magħluqa permezz tal-adozzjoni ta' regolament antidumping għandhom jitqiegħdu f'pożizzjoni, matul il-proċedura ta' investigazzjoni, li fiha jkunu jistgħu jressqu b'mod effettiv l-opinjoni tagħhom dwar ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti u taċ-ċirkustanzi allegati (sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Ottubru 2004, Shanghai Teraoka Electronic vs Il-Kunsill, T-35/01, Ġabra p. II-3663, punti 288 u 289, u l-ġurisprudenza ċċitata).

75 Din il-ħtieġa hija implementata fl-Artikolu 20(4) tar-Regolament bażiku (li sar l-Artikolu 20(4) tar-Regolament Nru 1225/2009), li jipprovdi għall-komunikazzjoni bil-miktub tal-informazzjoni finali. Skont din id-dispożizzjoni, meta d-deċiżjoni finalment adottata hija bbażata fuq fatti u kunsiderazzjonijiet differenti minn dawk ikkomunikati permezz tal-informazzjoni finali, "dawn għandhom jiġu mikxufa kemm jista jkun malajr". L-Artikolu 20(5) tar-Regolament bażiku jippreċiża li "[r]appreżentazzjonijiet magħmula wara li jingħata t-tagħrif finali għandhom jiġu kkunsidrati biss jekk riċevuti fi żmien perjodu li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni f'kull każ, li għandu jkun mill-inqas 10'ijiem, waqt li tingħata l-attenzjoni dovuta lill-urġenza tal-kwistjoni".

76 Fil-kawża preżenti, huwa paċifiku li l-Kummissjoni kkomunikat lir-rikorrenti d-dokument finali ta' informazzjoni rrivedut fid-19 ta' Lulju 2006 u imponiet fuqha terminu li skada fil-31 ta' Lulju 2006 sabiex tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha. Huwa

paċifiku wkoll li r-rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha fuq id-dokument finali ta' informazzjoni rrivedut fit-28 ta' Lulju 2006 u li l-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta għal regolament definittiv fil-31 ta' Lulju 2006, jiġifieri tnax-il jum wara l-komunikazzjoni tad-dokument finali ta' informazzjoni rrivedut lir-rikorrenti. Isegwi li l-Kummissjoni kellha fil-pussess tagħha l-osservazzjonijiet ikkomunikati mir-rikorrenti qabel l-iskadenza tal-għaxart ijiem stabbiliti mill-Artikolu 20(5) tar-Regolament bażiku u li hija stenniet din l-iskadenza tal-aħħar sabiex tibgħat il-proposta għal regolament definittiv lill-Kunsill.

77 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li s-sitwazzjoni fejn abbozz ta' proposta għal regolament definittiv ippreżentat lill-Kunsill jitqassam fi ħdan il-Kummissjoni skont proċedura bil-miktub sabiex jinġabar il-kunsens tal-membri tal-istituzzjoni ma ddaħħalx inkwistjoni l-possibbiltà għar-rikorrenti li tingħata smigħ xieraq, peress li l-Kummissjoni tista', jekk ikun il-każ, twaqqaf l-imsemmija proċedura bil-miktub jew ukoll temenda l-abbozz ta' proposta tagħha wara l-osservazzjonijiet li l-partijiet interessati jippreżentaw.

78 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni ma kisritx l-Artikolu 20(5) tar-Regolament bażiku. Għal din ir-raġuni, l-ebda ksur tad-drittijiet ta' difiża tar-rikorrenti ma jista' jiġi kkonstatat.

79 Tali konklużjoni ma tistax titqiegħed f'dubju mill-argument tar-rikorrenti li jipprovdi li kien hemm ksur tad-drittijiet ta' difiża tagħha u d-dritt li tiġi informata sa fejn ċerti ittri kif ukoll noti dwar konversazzjonijiet telefoniċi ma ġewx ikkomunikati lilha bi ksur tal-Artikolu 20 tar-Regolament bażiku.

80 F'dan ir-rigward, hemm fil-fatt lok li jiġi nnotat li r-rikorrenti tiddeduċi l-eżistenza ta' dokumenti addizzjonali, li ma ġewx ikkomunikati lilha, mill-eżistenza tad-dokumenti prodotti mill-Kunsill waqt il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, jiġifieri ż-żewġ ittri indirizzati mill-awtoritajiet Amerikani lill-Kummissjoni u komunikazzjoni elettronika interna tad-dipartimenti tal-Kummissjoni li tiddeskrivi konversazzjoni telefonika mal-awtoritajiet Amerikani.

81 Madankollu għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti sempliċement qed tassumi, mingħajr ebda prova, l-eżistenza ta' dokumenti addizzjonali li kellhom impatt fuq il-konklużjonijiet finali tal-Kummissjoni.

82 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma tistax tallega nuqqas ta' komunikazzjoni ta' tali dokumenti insostenn tal-motiv tagħha.

83 Fid-dawl ta' dak li ntqal preċedentement, dan il-motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' konsultazzjoni tal-Istati Membri "fi żmien utli" fil-kuntest tal-Kumitat konsultattiv fuq l-esklużjoni tal-friġġijiet bi tliet bibien mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat

— L-argumenti tal-partijiet

84 Ir-rikorrenti tirrileva li, skont it-tieni frażi tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament bażiku (li saret it-tieni frażi tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 1225/2009), il-President tal-Kumitat konsultattiv għandu jikkomunika lill-Istati Membri, kemm jista' jkun malajr, l-iktar tard sa għaxart ijiem ta' xogħol qabel ma jiltaqa' dan il-kumitat, l-elementi ta' informazzjoni utli kollha.

85 Fil-kawża preżenti, kien hemm ksur ta' din id-dispożizzjoni peress li l-Kumitat konsultattiv ma setax jagħti l-avviż tiegħu b'konnoxxenza sħiħa tal-każ minħabba n-nuqqas ta' riċezzjoni mill-membri tiegħu ta' komunikazzjoni tal-elementi ta' informazzjoni utli kollha għaxart ijiem ta' xogħol qabel il-laqgħa tiegħu tad-19 u tal-20 ta' Lulju 2006, fejn dawn ma ġewx informati qabel l-14 ta' Lulju 2006 bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li teskludi l-friġġijiet bi tliet bibien mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat.

86 Dan it-terminu ta' għaxart ijiem ta' xogħol iddaħħal fir-Regolament bażiku sabiex jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet tal-partijiet interessati u taċ-ċertezza legali. L-obbligu li jiġu kkonsultati l-Istati Membri fil-kuntest tal-Kumitat konsultattiv jikkostitwixxi formalità proċedurali sostanzjali sa fejn jista' jkollu konsegwenzi fuq il-kontenut tal-att finali adottat. Fil-fatt, il-konsultazzjoni tal-Istati Membri fil-kuntest tal-Kumitat konsultattiv setgħa jwassal lill-Kummissjoni sabiex temenda l-pożizzjoni tagħha.

87 Ir-rikorrenti żżid li l-pass lura mwettaq mill-Kummissjoni fir-rigward tad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat kien fetaħ "dibattitu kompletament ġdid" li għalih il-membri tal-Kumitat konsultattiv kellhom bżonn żmien sabiex jippreparaw ruħhom.

88 Il-Kunsill jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

89 Mill-proċess jirriżulta li, waqt il-laqgħa tiegħu tad-19 u tal-20 ta' Lulju 2006, il-Kumitat konsultattiv ippronunzja ruħu fuq il-proposta ta' miżuri definittivi tal-Kummissjoni fid-dawl tal-elementi ta' informazzjoni li l-Istati Membri ma rċevewx il-komunikazzjoni kompleta tagħhom qabel l-14 ta' Lulju preċedenti.

90 Isegwi li, bil-kontra tar-rekwiżiti tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament bażiku, l-Istati Membri ma rċevewx, fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol qabel il-laqgħa tal-Kumitat konsultattiv, kommunikazzjoni tal-elementi ta' informazzjoni utli kollha sabiex jippronunzjaw ruħhom fuq id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li teskludi l-friġġijiet bi tliet bibien mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat.

91 Madankollu, in-nuqqas ta' osservanza tat-terminu stabbilit mill-Artikolu 15(2) tar-Regolament bażiku ma jistax, fih innifsu, jikkostitwixxi ksur tal-forom proċedurali sostanzjali ta' natura li jwassal għall-illegalità tal-proċedura ta' konsultazzjoni tal-Istati Membri fil-kuntest tal-Kumitat konsultattiv u, għaldaqstant, id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat adottata fir-regolament ikkontestat.

92 Fil-fatt, skont il-premessa 17 tar-Regolament Nru 461/2004, li emenda lir-Regolament bażiku f'dan ir-rigward, l-informazzjoni kkomunikata lill-Istati Membri fil-kuntest tal-Kumitat konsultattiv "għandha" tintbagħat għall-inqas għaxart ijiem qabel id-data tal-laqgħa ffissata mill-President tal-Kumitat konsultattiv "[b]iex tagħti biżżejjed żmien lill-Istati Membri biex ikunu jistgħu jikkunsidraw din l-informazzjoni".

93 Mill-kliem ta' din il-premessa, u b'mod partkolari, mill-użu tal-kundizzjonal ("għandha") ["devraient" fil-verżjoni Franċiża], jista' jiġi dedott li l-osservanza tat-terminu inkwistjoni ma hijiex imposta taħt piena ta' nullità tal-proċedura ta' konsultazzjoni tal-Istati Membri fil-kuntest tal-Kumitat konsultattiv, iżda, bil-kontra, li r-rekwiżiti tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament bażiku jistgħu jiġu sodisfatti meta l-Istati Membri jkollhom fil-fatt żmien suffiċjenti sabiex jeżaminaw l-informazzjoni li tkun ġiet ikkomunikata lilhom mill-President tal-Kumitat konsultattiv (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2004, FICF *et* vs Il-Kummissjoni, T 317/02, Ġabra p. II-4325, punt 188, u l-ġurisprudenza ċċitata).

94 Issa, ir-rikorrenti ma stabbilixxietx li l-Istati Membri ġew imċaħħda minn żmien neċessarju sabiex jieħdu konoxxenza utli tal-informazzjoni dwar id-definizzjoni ġdida tal-prodott ikkonċernat adottata mill-Kummissjoni u li l-Kumitat konsultattiv ma setax, minħabba dan, jagħti l-opinjoni tiegħu b'konoxxenza sħiħa tal-każ.

95 Bil-kontra, mill-proċess jirriżulta li l-kwistjoni dwar id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat ġiet diskussa fid-dettall mir-rappreżentanti tal-Istati Membri waqt laqgħat differenti tal-Kumitat konsultattiv li nżammu waqt l-investigazzjoni u li din id-definizzjoni ġiet ittrattata b'mod partikolari fid-dokumenti dwar il-miżuri definittivi mibgħuta mill-Kummissjoni lill-Istati Membri fil-5 ta' Lulju 2006.

96 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi konkluż li n-nuqqas ta' osservanza tat-terminu stabbilit mill-Artikolu 15(2) tar-Regolament bażiku ma setax ikollu impatt fuq ir-riżultat tal-proċedura u lanqas, konsegwentement, fuq id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, adottata b'mod definittiv fir-regolament ikkontestat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tal-10 ta' Lulju 1991, RTE vs Il-Kummissjoni, T-69/89, Ġabra p. II-485, punt 27, u tas-27 ta' Novembru 1997, Kaysersberg vs Il-Kummissjoni, T-290/94, Ġabra p. II-2137, punt 88).

97 Għaldaqstant, huwa għalxejn li r-Repubblika Taljana sostniet waqt is-seduta li n-nuqqas ta' osservanza inkwistjoni ċaħħad lill-membri tal-Kumitat konsultattiv mill-possibbiltà li jikkontestaw effettivament il-bidla tad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat.

98 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, barra minn hekk, li l-Kunsill ippreċiża, mingħajr ma ġie kkontestat, li, jekk ċerti Stati Membri talbu u kisbu, waqt din il-laqgħa, terminu addizzjonali li skada fis-27 ta' Lulju 2006 sabiex jippreżentaw bil-miktub l-opinjoni tagħhom fuq il-proposta għal miżuri definittivi tal-Kummissjoni, l-ebda wieħed minnhom madankollu ma ddikjara li dan it-terminu kien insuffiċjenti, u lanqas ma talbu terminu addizzjonali sabiex jippronunzjaw ruħhom.

99 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi miċħud it-tieni motiv.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni tar-regolament ikkontestat fir-rigward tad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat

— L-argumenti tal-partijiet

100 Ir-rikorrenti ssostni li l-motivazzjoni tar-regolament ikkontestat fir-rigward tad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat li ġiet adottata definittivament ma jippermettix li tinftiehem u lanqas li tiġi kkontestata l-fondatezza tal-konklużjonijiet finali li waslu għalihom il-Kunsill u l-Kummissjoni, u l-Qorti Ġenerali ma tkunx f'pożizzjoni li teżerċita l-investigazzjoni ġudizzjarja tagħha f'dan ir-rigward.

101 Fid-dawl tan-natura fundamentali u tardiva tal-pass lura meħud mill-Kummissjoni fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, il-motivazzjoni tar-regolament ikkontestat hija insuffiċjenti sabiex tippermetti li jinftiehem ir-raġunament segwit bħala risposta għall-argumenti żviluppati fid-dettall u għall-provi prodotti fir-rigward ta' dan il-kunċett, matul perijodu ta' iktar minn sena.

102 Minflok ma sempliċement iddikjaraw id-definizzjoni ġdida tagħhom tal-prodott ikkonċernat, billi bbażaw ruħhom fuq fatti u elementi materjali użati preċedentement, l-istituzzjonijiet kellhom jispjegaw għalfejn il-kriterju ta' konfigurazzjoni interna tal-fridge-freezers magħquda l-kbar, ibbażat biss fuq il-karatteristiċi fiżiċi, kellu jissostitwixxi dak tal-karatteristiċi esterni, jiġifieri l-preżenza ta' mill-inqas żewġ bibien b'molla sseparati u ħdejn xulxin, li sa dak il-punt kien meqjus bħala adatt abbażi tal-karatteristiċi fiżiċi tal-apparat minn naħa, u tal-perċezzjoni tal-konsumatur, min-naħa l-oħra.

103 L-istituzzjonijiet ma setgħux iwarrbu b'mod sommarju dan l-aħħar parametru, meta l-partijiet u l-Kummissjoni kellhom dibattitu fid-dettall dwar dan u ntqies bħala l-bażi essenzjali tad-definizzjoni inizjali tal-prodott ikkonċernat. Il-premessa li tipprovdi li l-perċezzjoni tal-konsumaturi ma hijiex definittiva ma ġietx suffiċjentement motivata. Meta l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jiċħdu, bħal fil-kawża preżenti, investigazzjoni ta' konsum kontradittorju, huma għandhom jispjegaw kif din il-kontradizzjoni hija partikolarment problematika għalihom.

104 Il-premessi tar-regolament ikkontestat juru li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni waslu sabiex jeskludu l-mudell bi tliet bibien mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat wara li eżaminaw iktar fid-dettall il-pożizzjonijiet ta' ċerti istituzzjonijiet ta' riċerka u korpi ta' klassifikazzjoni, fid-dawl ta' provi addizzjonali li LG kienet ipproduċiet wara l-komunikazzjoni tad-dokument finali ta' informazzjoni.

105 Issa, minn naħa, LG ma pproduċiet ebda prova addizzjonali, iżda sempliċement affermat mill-ġdid li l-konfigurazzjoni interna tal-prodott kienet iktar importanti mill-karatteristiċi fiżiċi esterni u bagħtet ittra fl-10 ta' Lulju 2006 ta' istitut li tenna opinjoni li huwa ppreżenta lill-Kummissjoni f'April 2006, u li kkritika lil din tal-aħħar talli ma kkonformatx ma' din l-opinjoni fid-dokument finali ta' informazzjoni.

106 Min-naħa l-oħra, il-Kunsill u l-Kummissjoni ma spjegawx għalfejn il-pożizzjonijiet espressi minn ċerti istituti ta' riċerka u korpi ta' klassifikazzjoni, li l-parti l-kbira minnhom jikklassifikaw il-fridge-freezers magħquda "side-by-side" fuq il-bażi tal-konfigurazzjoni interna tagħha u mhux il-funzjoni tal-pożizzjoni tal-bibien tagħhom, wassluhom li jikkonkludu li, mill-perspettiva tal-karatteristiċi fiżiċi, il-mudell bi tliet bibien ma setax jitqies li huwa parti mill-qasam tal-fridge-freezers magħquda "side-by-side". Barra minn hekk, huma lanqas ma vverifikaw l-identità tal-istabbilimenti kkwalifikati bħala "prinċipali".

107 Barra minn hekk, il-Kunsill u l-Kummissjoni kellhom jispjegaw għalfejn ċerti provi li jidhru fil-fajl ta' Ottubru 2005 ma ġewx ikkunsidrati li huma konvinċenti għall-finijiet tal-investigazzjoni u għalfejn huma lanqas ma ħadu inkunsiderazzjoni provi oħra, bħall-pubblikazzjonijiet maħruġa minn assoċjazzjonijiet indipendenti ta' konsumaturi li xi whud minnhom jirrigwardaw il-fridge-freezers magħquda bi tliet bibien biss.

108 Ir-rikorrenti żżid li l-istituzzjonijiet ma għandhomx il-prassi li joħolqu distinzjonijiet fi ħdan id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, sakemm ma "jeżistux linji ta' diviżjoni ċari" bejn l-oqsma. Issa, fil-kawża preżenti, ma "jeżistux linji ta' diviżjoni ċari" bejn il-fridge-freezers magħquda "side-by-side" b'żewġ bibien u dawk bi tliet bibien. L-istituzzjonijiet ma spjegawx għalfejn, fin-nuqqas ta' "linji ta' diviżjoni ċari" huma ħassew ruħhom obbligati jwettqu d-distinzjoni tagħhom.

109 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tqis li l-pass lura "għall-għarrieda" tal-istituzzjonijiet seħħ minħabba "'lobbying' fl-aħħar minuta", li l-elementi tiegħu madankollu ma jidhrux fil-motivazzjoni tar-regolament ikkontestat.

110 Il-Kunsill jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

111 Għandu jitfakkar li l-motivazzjoni ta' att tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandha turi, b'mod ċar u inekwivoku, ir-raġunament tal-istituzzjoni awtriċi tal-att, b'mod li l-persuna interessata tkun tista' tagħraf il-ġustifikazzjonijiet tal-miżuri meħuda u tiddefendi d-drittijiet tagħha u b'mod li l-qorti tkun tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha

(sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2005, Common Market Fertilizers vs Il-Kummissjoni, T-134/03 u T-135/03, Ġabra p. II-3923, punt 156).

112 Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jiġi evalwat skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari l-kontenut tal-att, in-natura tal-motivi invokati u l-interess li d-destinatarji jew persuni oħra direttament u individwalment ikkonċernati mill-att jista' jkollhom li jirċievu spjegazzjonijiet (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, C-367/95 P, Ġabra p. I-1719, punt 63).

113 Il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att hijiex suffiċjenti għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-kliem tagħha, iżda wkoll fid-dawl tal-kuntest tagħha kif ukoll tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-kwistjoni kkonċernata (sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Frar 1996, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-56/93, Ġabra p. I-723, punt 86, u s-sentenza Kaysersberg vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 150).

114 Meta regolament jistabbilixxi, bħal fil-kawża preżenti, dazji antidumping definittivi fil-kuntest sistematiku ta' totalità ta' miżuri, ma jistax jiġi mistenni li l-motivazzjoni tiegħu jispeċifika l-punti varji ta' fatt u ta' liġi, ta' spiss numerużi u kumplessi, li huma s-suġġett tiegħu, u lanqas li l-istituzzjonijiet jieħdu pożizzjoni dwar l-argumenti kollha invokati mill-interessati. Bil-kontra, huwa suffiċjenti li l-awtur tal-att jesponi l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet ġuridiċi li jkollhom importanza essenzjali fl-ekonomija tar-regolament ikkontestat.

115 Huwa minnu li l-motivazzjoni ta' regolament li jistabbilixxi dazji antidumping għandu jiġi evalwat fid-dawl b'mod partikolari tal-informazzjoni li tkun ġiet ikkomunikata lill-interessati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-osservazzjonijiet ippreżentati minnhom waqt il-proċedura ta' investigazzjoni. Madankollu, l-istituzzjonijiet ma humiex marbuta jimmotivaw speċjalment in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-argumenti differenti mressqa mill-interessati. Huwa suffiċjenti li r-regolament ikun

fih ġustifikazzjoni ċara tal-elementi prinċipali tal-analiżi tagħhom, peress li din il-ġustifikazzjoni tista' tiċċara r-raġunijiet li, minħabba fihom, huma jkunu warrbu l-argumenti rilevanti mressqa mill-partijiet waqt il-proċedura ta' investigazzjoni.

116 Barra minn hekk, regolament li jistabbilixxi dazji antidumping fit-tmiem ta' proċedura ta' investigazzjoni għandu jkun motivat fid-dawl tal-punti kollha, ta' fatt u ta' dritt, li huma rilevanti għall-evalwazzjoni li ssir. L-obbligu ta' motivazzjoni ma għandux l-għan li jispjega l-evoluzzjoni tal-pożizzjoni tal-istituzzjoni waqt il-proċedura ta' investigazzjoni u għalhekk ma huwiex intiż li jiġġustifika d-divergenzi tas-soluzzjoni adottata fl-att finali meta mqabbla mal-pożizzjoni provviżorja esposta fid-dokumenti kkomunikati lill-partijiet interessati waqt din il-proċedura sabiex dawn ikunu jistgħu jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom. Għalhekk, dan l-obbligu ma jġiegħel b'ebda mod lill-istituzzjoni tispjega kif il-pożizzjoni prevista fi stadju partikolari tal-proċedura ta' investigazzjoni kienet eventwalment infondata.

117 Fil-kawża preżenti, hekk kif jirriżulta mill-premessi 10 u 11 tar-regolament ikkontestat, id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat hija bbażata fuq il-premessa doppja tad-diviżjoni tradizzjonali fi tliet oqsma tas-suq tal-fridge-freezers magħquda l-kbar (ara l-punt 6 iktar 'il fuq) u fuq "linji ta' diviżjoni ċari" bejn dawn it-tliet oqsma.

118 Sabiex tiddetermina jekk il-fridge-freezers magħquda kbar bi tliet bibien jaqgħux taħt il-qasam ta' fridge-freezers magħquda "bottom mount" jew taħt il-qasam tal-fridge-freezers magħquda "side-by-side", il-Kummissjoni, l-ewwel, fil-premessa 13 tar-regolament ikkontestat, iddefinixxiet il-prodott ikkonċernat fuq il-bażi tal-karatteristiċi esterni tiegħu, jiġifieri l-preżenza ta' mill-inqas żewġ bibien b'molla sseparati u ħdejn xulxin, billi bbażat ruħha kemm fuq il-karatteristiċi fiżiċi tal-prodott u kemm fuq il-perċezzjoni tal-konsumatur, filwaqt li r-rikorrenti ddefinixxiet u ddikjarat il-mudell bi tliet bibien bħala friġġ "side-by-side".

119 Huwa ppreċiżat f'din l-istess premessa li, f'din il-fażi preliminari tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni ma kkunsidratx li l-allinjament differenti tal-kompartimenti ta' refriġerazzjoni u ta' ffriżar fit-tagħqid "side-by-side" u fil-mudell bi tliet bibien jikkostitwixxi kriterju ta' distinzjoni deċiżiv li jippermetti li jiġu esklużi l-mudelli bi tliet bibien mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, fin-nuqqas ta' provi konklużivi u ta' definizzjoni tal-fridge-freezers magħquda "side-by-side" użata ta' spiss.

120 Hekk kif jirriżulta mill-premessa 14 tar-regolament ikkontestat, il-Kummissjoni madankollu qieset li kellha tipproċedi waqt l-investigazzjoni tagħha għal evalwazzjoni iktar fid-dettall tal-pożizzjonijiet espressi minn ċerti istituzzjonijiet prinċipali ta' riċerka u korpi ta' klassifikazzjoni, fejn il-maġġoranza kklassifikaw il-fridge-freezers magħquda "side-by-side" permezz tal-konfigurazzjoni interna tagħhom u mhux minħabba l-pożizzjoni tal-bibien.

121 Huwa ppreċiżat f'din l-istess premessa li l-Kummissjoni waslet b'hekk li tirrivedi d-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat adottata fir-Regolament provviżorju u li teskludi b'mod definittiv, fuq il-bażi tal-karatteristiċi fiżiċi tiegħu, il-mudell bi tliet bibien mill-qasam tal-fridge-freezers magħquda "side-by-side", hekk kif jirriżulta mill-premessa 15 tar-regolament ikkontestat.

122 F'dan ir-rigward, huwa ppreċiżat fil-premessa 14 tar-regolament ikkontestat li l-Kummissjoni warrbet il-kriterju tal-perċezzjoni tal-konsumatur peress li ma kienx adatt sabiex isostni konklużjoni ċara favur jew kontra l-inklużjoni tal-friġġijiet bi tliet bibien fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, fid-dawl tar-riżultati kontradittorji tal-investigazzjoni tal-opinjoni li r-rikorrenti u l-industrija Komunitarja ppreżentaw insostenn tal-perspettivi rispettivi tagħhom.

123 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hekk kif ġie espost fil-premessa 15 tar-regolament ikkontestat, l-istituzzjonijiet ikkunsidraw li l-mudell bi tliet bibien jaqa' fil-qasam tal-fridge-freezers magħquda "bottom-mount" u mhux f'dak tal-fridge-freezers magħquda "side-by-side".

124 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-istituzzjonijiet immotivaw suffiċjentement id-deċiżjoni tagħhom li jeskludu l-fridge-freezers magħquda bi tliet bibien mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat billi rrilevaw li l-investigazzjoni ta' opinjoni kienet kontradittorja, peress li minn din il-konstatazzjoni jirrizulta li minħabba l-eżistenza ta' tali kontradizzjoni, l-ebda konklużjoni inkontestabbli li tirrigwarda l-kriterju bbażat fuq il-perċezzjoni tal-konsumatur ma tista' tiġi dedotta mill-imsemmija investigazzjoni.

125 B'hekk wara li kkonstataw l-impossibbiltà li jaslu għall-konklużjoni permezz tal-kriterju bbażat fuq il-perċezzjoni tal-konsumatur, l-istituzzjonijiet ippronunzjaw ruħhom fuq il-bażi tal-pożizzjonijiet tal-istituzzjonijiet prinċipali ta' riċerka u l-korpi ta' klassifikazzjoni li, fil-parti l-kbira tagħhom, ikklassifikaw lill-fridge-freezers magħquda "side-by-side" fuq il-bażi tal-konfigurazzjoni interna tagħhom, u mhux fuq dik tal-pożizzjoni tal-bibien.

126 Tali riferiment jikkostitwixxi motivazzjoni suffiċjenti tad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat adottata fir-regolament ikkontestat.

127 Għaldaqstant, huwa b'mod żbaljat li r-rikorrenti takkuża lill-istituzzjonijiet li ma spjegawx għalfejn, fin-nuqqas ta' "linji ta' diviżjoni ċari" bejn il-fridge-freezers magħquda "side-by-side" b'żewġ bibien u dawk bi tliet bibien, huma qiesu ruħhom marbuta li jwettqu d-distinzjoni tagħhom: billi ddikjaraw li l-karatteristika prinċipali tal-fridge-freezers magħquda "side-by-side" tinsab fil-pożizzjoni tal-kompartiment tagħhom, peress li l-istituzzjonijiet stabbilixxew li dan il-kriterju kien linja ta' diviżjoni bejn il-fridge-freezers magħquda "side-by-side" u l-fridge-freezers magħquda bi tliet bibien, mingħajr ma kien hemm bżonn li jsiru żviluppi iktar fid-dettall f'dan ir-rigward.

128 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni jikkostitwixxi motiv ibbażat fuq il-ksur tal-forom sostanzjali, distint, bħala tali, mill-motiv ibbażat fuq l-ineżattezza tar-raġunijiet tad-deċiżjoni, li l-istħarriġ tiegħu jirriżulta mill-eżami tal-mertu ta' din id-deċiżjoni (sentenzi Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, iċċitata iktar 'il fuq, punt 67; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Ġunju 2009, Qualcomm vs Il-Kummissjoni, T-48/04, Ġabra p. II-2029, punt 179).

129 Sabiex jiġi osservat l-obbligu ta' motivazzjoni, huwa għaldaqstant suffiċjenti li l-istituzzjonijiet jiddikjaraw, bħalma fil-fatt għamlu, ir-raġunijiet li wassluhom sabiex jeskludu b'mod definittiv il-fridge-freezers magħquda bi tliet bibien mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, bil-kontra ta' dak li ġie konkluż f'definizzjoni inizjali, peress li r-Regolament provviżorju indika, barra minn hekk, in-natura provviżorja tiegħu fil-premessa 17, u dan mingħajr ma jkollhom jiddikjaraw, sabiex jiġġustifikaw din l-esklużjoni, il-punti kollha ta' fatt u ta' dritt ittrattati waqt il-proċedura ta' investigazzjoni.

130 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi konkluż li l-motivazzjoni tar-regolament ikkontestat fir-rigward tad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat ippermettiet lir-rikorrenti, li kienet, barra minn hekk, strettament implikata fil-proċedura amministrattiva u minħabba dan familjari mal-problema tad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, tifhem u tikkontesta l-fondatezza tas-soluzzjoni adottata definittivament, u lill-Qorti Ġenerali twettaq l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha f'dan ir-rigward, hekk kif jirriżulta, barra minn hekk, mill-eżami tar-raba' motiv.

131 Għaldaqstant, l-argument tar-rikorrenti li l-bidla fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat ġiet ikkawżata minn "lobbying" fl-aħħar minuta li l-motivi tar-regolament ikkontestat ma jagħmlux riferiment għaliħ ma jistax, f'kull każ, jiġi invokat utilment, peress li minn dak kollu li ntqal qabel jirriżulta li r-regolament ikkontestat jiddikjara suffiċjentement fid-dritt il-punti ta' fatt u ta' liġi rilevanti għall-evalwazzjoni li ssir.

132 Fid-dawl ta' dak li ntqal preċedentement, dan il-motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi mwettaq fl-għażla tal-metodu ta' definizzjoni tal-prodott ikkonċernat

— L-argumenti tal-partijiet

133 Ir-rikorrenti tallega li l-metodu ta' definizzjoni tal-prodott ikkonċernat jikser l-Artikolu 1(1) u (4) tar-Regolament bażiku, sa fejn il-Kunsill ma ħax inkunsiderazzjoni l-perċezzjoni tal-konsumatur.

134 Fil-fatt, ir-rikorrenti ssostni li d-differenzi fir-rigward tal-karatteristiċi fiżiċi tal-friġġijiet inkwistjoni huma f'dan il-punt imnaqqsa u ma għandhomx impatt fuq l-użu finali ta' dawn il-prodotti. Issa, id-differenzi fiżiċi ma jiġġustifikawx li ssir distinzjoni tal-prodotti ħlief meta jgawdu minn importanza għall-konsumaturi. B'hekk, peress li d-differenzi fir-rigward tal-karatteristiċi fiżiċi tal-friġġijiet ma jinfluwenzawx l-użu finali tagħhom, l-istituzzjonijiet ma setgħux jinjoraw l-impatt imnaqqas tagħhom fuq il-perċezzjoni tal-konsumatur. Konsegwentement, il-Kunsill wettaq żball billi warrab il-provi dwar il-perċezzjoni tal-konsumaturi fil-kawża preżenti.

135 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tirrileva li, fir-Regolament (KEE) Nru 1418/88, tas-17 ta' Mejju 1988, li jistabbilixxi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' printers tip dot-matrix b'impatt li joriġinaw mill-Ġappun (ĠU L 130, p. 12), il-Kummissjoni stess ikkunsidrat li d-differenzi minuri li ma jirrigwardawx il-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi fundamentali ta' prodott ma għandhomx iwasslu li jiġi eskluż ix-xebh bejn prodott ħlief fil-każ fejn id-differenzi għandhom bħala effett li l-applikazzjoni tal-prodotti inkwistjoni, tal-użu tagħhom jew tal-perċezzjoni li għandu klijent tagħhom huma differenti ħafna (premessa 12 tar-Regolament Nru 1418/88). Sa fejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni qiesu li l-perċezzjonijiet tal-konsumaturi ma humiex konklużivi, huma kellhom jżommu definizzjoni usa' tal-prodott ikkonċernat, li tinkludi l-friġġijiet bi tliet bibien.

136 Ir-rikorrenti tippreċiża li hija ma tikkontestax l-evalwazzjoni fattwali mwettqa mill-Kunsill għall-finijiet ta' definizzjoni tal-prodott ikkonċernat u sempliċement tinvoka żball ta' liġi fir-rigward tal-metodu segwit fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat.

137 Il-Kunsill jikkontesta l-fondatezza ta' dan il-motiv.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

138 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li d-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat fil-kuntest ta' investigazzjoni antidumping għandha bħala għan li tgħin fit-tfassil ta' lista tal-prodotti li, jekk ikun il-każ, ikunu s-suġġett għall-impożizzjoni tad-dazji antidumping. Għall-finijiet ta' din l-operazzjoni, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw bosta fatturi, bħall-karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi tal-prodotti, l-użu tagħhom, l-interkambjabbiltà tagħhom, il-perċezzjoni li l-konsumaturi għandhom tagħhom,

il-mezzi ta' distribuzzjoni, il-proċess tal-manifattura, l-ispejjeż tal-produzzjoni u l-kwalità.

139 Fil-kawża preżenti, hekk kif jirriżulta mill-eżami tat-tielet motiv, il-Kunsill irrileva, fil-premessa 13 tar-regolament ikkontestat, li mill-ftuħ tal-proċedura mill-Kummissjoni, l-eżami tal-prodott ikkonċernat twettaq fid-dawl kemm tal-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi u kemm tal-perċezzjoni tal-konsumatur tal-prodotti inkwistjoni. Fil-premessa 14 tar-regolament ikkontestat, wara li eżamina l-provi kif ukoll il-pożizzjonijiet espressi minn ċerti istituzzjonijiet prinċipali ta' riċerka u korpi ta' klassifikazzjoni, intiżi li jikkorroboraw definizzjoni tal-qasam tal-friġġijiet "side-by-side" fuq il-bażi ta' konfigurazzjoni interna tal-kompartimenti u mhux tal-pożizzjoni tal-bibien, il-Kunsill wasal għall-konklużjoni li, mill-perspettiva tal-karatteristiċi fiżiċi, il-mudell bi tliet bibien ma setax jitqies li huwa parti mill-qasam tal-fridge-freezers magħquda "side-by-side". Wara li eżamina l-perċezzjoni tal-konsumatur, il-Kunsill ikkunsidra li l-provi ppreżentati f'dan ir-rigward mir-rikorrenti u mill-industrija Komunitarja "kienu jikkontradixxu lil xulxin", fis-sens li ma ppermettewlux jasal għall-konklużjoni ċara għall-finijiet tad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat.

140 B'hekk, għandu jiġi kkonstatat li, bil-kontra ta' dak li tallega r-rikorrenti, il-Kunsill eżamina l-provi relattivi għall-perċezzjoni tal-konsumatur, billi madankollu wasal għall-konklużjoni li l-provi kienu kontradittorji u, għaldaqstant, li ma kinux konklużivi għall-finijiet tad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. L-argument tar-rikorrenti li l-Kunsill kien injora l-perċezzjoni tal-konsumatur għandu għaldaqstant jiġi miċħud bħala infondat.

141 Fir-rigward tat-teżi tar-rikorrenti li tipprovdi li d-differenzi fiżiċi ma jiġġustifikawx li ssir distinzjoni bejn il-prodotti ħlief meta dawn igawdu minn importanza mill-konsumaturi, għandu jiġi rrilevat li din ma ssibx sostenn la fir-Regolament bażiku u lanqas fil-ġurisprudenza. Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-punt 138 iktar 'il fuq,

fost il-fatturi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, il-karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi tal-prodotti għandhom naturalment post importanti, mingħajr ma jkunu neċessarjament prijoritarji. F'kull każ, ma jistax jiġi kkunsidrat li d-differenzi fir-rigward tal-karatteristiċi fiżiċi jew tekniċi ma humiex rilevanti ħlief meta dawn huma riflessi fil-perċezzjoni tal-konsumatur.

142 Fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li tipprovdi li d-differenzi dwar il-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi tal-friġġijiet ikunu mnaqqsa jew sottili, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li din l-evalwazzjoni fattwali ma tidhirx fir-regolament ikkontestat. Bil-kontra, mill-premessi 14 u 15 tar-regolament ikkontestat jirriżulta li, fl-evalwazzjoni tal-karatteristiċi fiżiċi tal-friġġijiet, il-Kunsill ta iktar importanza lill-konfigurazzjoni interna tagħhom milli lill-pożizzjoni tal-bibien, u konsegwentement ikkunsidra li d-differenzi b'hekk ikkonstatati jiġġustifikaw li l-mudell bi tliet bibien ma jitqiesx li jagħmel parti mill-qasam tal-fridge-freezers magħquda "side-by-side". Issa, ir-rikorrenti astjeniet espliċitament milli ddaħħal inkwistjoni l-evalwazzjoni fattwali mwettqa mill-Kunsill.

143 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-premessa li fuqha huwa bbażat l-argument tar-rikorrenti, li jipprovdi li l-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi tal-prodotti eżaminati juru biss differenzi żgħar, hija bbażata fuq sempliċi affermazzjonijiet li, insostenn tagħha, ma ġiet ippreżentata l-ebda prova sabiex tikkorrobora l-konkretezza tagħha.

144 Għal din ir-raġuni, għandha wkoll tiġi miċħuda l-allegazzjoni li tipprovdi li, peress li l-provi dwar il-perċezzjoni tal-konsumaturi ma ġewx ikkunsidrati bħala konklużivi, id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat għandha tinkludi l-friġġijiet bi tliet bibien.

145 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal qabel, hemm lok li jiġi miċħud ir-raba' motiv.

146 Għaldaqstant ir-rikors għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

147 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

148 Peress li r-rikorrenti tilfet, hija għandha tiġi ordnata tbati l-ispejjeż tal-Kunsill u ta' LG, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, kif mitlub minn dawn tal-aħħar.

149 Is-CECED għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

150 Barra minn hekk, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 87(4) tar-Regoli tal-Proċedura, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li jintervjenu fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

151 Għaldaqstant, ir-Repubblika Taljana u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Whirlpool Europe Srl għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u LG Electronics, Inc.

3) **Ir-Repubblika Taljana, il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill Ewropew għall-kostruzzjoni ta' apparat Domestiku (CECED) għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

Meij Vadapalas Truchot

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-13 ta' Settembru 2010.

Firem

Werrej

Il-kuntest ġuridiku. ..... II - 5013

Il-fatti li wasslu għall-kawża ..... II - 5017

1. Is-suq li huwa s-suġġett tal-investigazzjoni ..... II - 5017

2. Il-fażi inizjali tal-proċedura ta' investigazzjoni. ..... II - 5018

3. Ir-Regolament provviżorju ..... II - 5020

4. Il-fażi sussegwenti tal-proċedura ta' investigazzjoni ..... II - 5021

5. Id-dokument finali ta' informazzjoni ..... II - 5022

6. Id-dokument finali ta' informazzjoni rrivedut ..... II - 5023

7. Ir-regolament ikkontestat ..... II - 5025

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet ..... II - 5026

Id-dritt ..... II - 5030

1. Fuq il-ksur allegat tal-Artikolu 116(6) tar-Regoli tal-Proċedura ..... II - 5030

2. Fuq it-talbiet għal annullament ..... II - 5031

Fuq l-ammissibbiltà ..... II - 5031

L-argumenti tal-partijiet ..... II - 5031

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 5032

Fuq il-mertu ..... II - 5032

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti fir-rigward tal-esklużjoni tal-friġġijiet bi tliet bibien mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat ..... II - 5033

— L-argumenti tal-partijiet ..... II - 5033

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 5035

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' konsultazzjoni tal-Istati Membri "fi żmien utli" fil-kuntest tal-Kumitat konsultattiv fuq l-esklużjoni tal-friġġijiet bi tliet bibien mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat..... II - 5038

— L-argumenti tal-partijiet ..... II - 5038

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 5039

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni tar-regolament ikkontestat fir-rigward tad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat ..... II - 5042

— L-argumenti tal-partijiet ..... II - 5042

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 5044

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi mwettaq fl-għażla tal-metodu ta' definizzjoni tal-prodott ikkonċernat ..... II - 5050

— L-argumenti tal-partijiet ..... II - 5050

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 5051

Fuq l-ispejjeż ..... II - 5054